MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2015

Talba Numru. 12/2015

**Elmo Insurance Limited [C-3500]**

**Vs**

**Francesca Fenech [ID. Nru. 351551M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fis-7 ta' Jannar, 2015** u li permezz taghha talbet lill-intimata thallasha s-somma ta' tlett elef erba' mija erbgha u hamsin euro u tlieta u sittin centezmi ta' euro [€3454.63c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "1. Is-socjeta mittenti Elmo Insurance Limited sborsat a favur tar-rikorrenti fl-arbitragg fl-ismijiet "Atlas Insurance PCC Limited et vs David Charlie Philip Borg" [M2636/2011] is-somma ta' tlett elef erba mija erba' u hamsin ewro tlieta u sittin centezmu [€3454.63] in linea

ta' danni, imghax, spejjes u VAT kif kienet kostretta u obbligata taghmel a tenur tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta fil-vesti taghha ta' assikuratur tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ABP-606.

2. Gara li fl-414 ta' Marzu 2010, fi Triq il-Qawra, San Pawl il-Bahar, il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ABP-606, appartjenenti lill-konvenuta Francesca Fenech, misjuqa mit-terz David Charlie Philip Borg u assikurata mis-socjeta mittenti, sfat involuta f'incident tat-traffiku fejn habtet gol-fond 2A u 2B, "La Rochelle", triq il-Qawra, San Pawl il-Bahar, proprjeta ta' terzi.

3. Fuq l-iskorta tal-fatti u cirkostanzi tal-incident, is-socjeta mittenti kellha fil-pussess taghha bizzejjed evidenza sabiex tavza kemm lill-konvenuta kif ukoll lit-terz David Charlie Philip Borg illi kienu kisru l-kondizzjonijiet tal-polizza u l-obbligi taghhom skond l-istess polizza. Din l-inadempjenza kontrattwali giet konfermata fl-okkorrenza tal-pulizija li nvestigaw l-incident de quo fejn stqarru illi "David Borg was taken to GHQ for a breathalyser test and it resulted 57mg/100ml of breath".

4. Ghaldaqstant, kemm il-konvenuta kif ukoll it-terz David Charlie Philip Borg kienu prekluzi milli jinvokaw l-istess polizza sabiex ikopru kull dritt jew obbligu naxxenti mill-imsemmi incident.

5. Permezz ta' ittra ufficjali taghha tad-9 ta' Marzu 2011, is-socjeta mittenti inter alia wissiet kemm lill-konvenuta kif ukoll lit-terz David Charlie Philip Borg bil-konsegwenzi kollha li kienu se jgarrbu minhabba l-inadempjenza kontrattwali taghhom, fil-kaz li l-arbitragg istitwit kontra t-terz David Charlie Philip Borg jigi deciz kontra tieghu una volta kienu sodisfatti fil-konfront tal-istess socjeta mittenti d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Min-naha taghha, is-socjeta mittenti ma setghetx ma thallasx lit-terz u dan peress illi kienu sodisfatti l-imsemmija disposizzjonijiet tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, kif fil-fatt ghamlet.

7. Sussegwentement ghal tali hlas, is-socjeta mittenti ppresentat ittra ufficjali a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta kemm kontra l-konvenuta kif ukoll kontra t-terz David Charlie Philip Borg. Ghalkemm l-imsemmi David Charlie Philip Borg ammetta t-talba tas-socjeta mittenti [u dan permezz ta' nota tat-12 ta' Jannar, 2012], il-konvenuta kkontestat illi tali ammont huwa minnha dovut.

8. Ghaldaqstant, kellhom jigu istitwiti l-proceduri odjerni.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-9 ta' Marzu 2011, l-ispejjez tal-ittra ufficjali skond l-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta tat-3 ta' Jannar 2012 u bl-imghax legali b'effett mit-3 ta' Jannar, 2012 sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenuta, li hija ngunta ghas-subizzjoni".

Ra li fs-seduta tat-13 ta' Mejju, 2015 dehru d-difensuri ta' l-intimata Dr. Caroline Farrugia u Dr. Martha Mifsud li taw ruhhom b'notifikati bit-talba u l-avviz tas-smiegh ghan-nom ta' l-intimata.

Ra li l-istess Dr. Farrugia u Dr. Mifsud ddikjaraw li huma ma humiex se jressqu risposta u lanqas provi.

Ra li d-difensuri ddikjaraw li kienu qeghdin jistriehu b'dak li kien hemm fil-process.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimata tas-somma ta' tlett elef erba' mija erbgha u hamsin euro u tlieta u sittin centezmi ta' euro [€3454.63c] liema ammont jirraprezenta danni mhallsin mis-socjeta rikorrenti lill-terzi kawza ta' incident awtomobilistiku li sehh bil-vettura proprjeta ta' l-intimata izda li f'dak il-waqt kienet misjuqa minn David Charlie Philip Borg.

Ikkunsidra;

2. It-Tribunal, ra d-dokumentazzjoni kollha mressqa mis-socjeta rikorrenti, senjatament in-nota pprezentata fid-9 ta' April, 2015.

3. Ra li d-difensuri ta' l-intimata fis-seduta tal-lum iddikjaraw li huma ma humiex se jressqu risposta u lanqas provi u ddikjaraw li kienu qeghdin jistriehu b'dak li kien hemm fil-process.

Ikkunsidra ulterjorment;

4. Illi mill-atti processwali u in mankanza ta' risposta jew xi provi da parti ta' l-intimata, it-Tribunal huwa sodisfatt li t-Talba tas-socjeta rikorrenti ghandha tigi

akkolta l-ghaliex hija sostenibbli kemm legalment u kemm fattwalment. Ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta rikorrenti fl-atti ta' dawn il-proceduri ma ghandux mis-sewwa.

5. Illi ghalhekk, in vista tal-provi pprezentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti huwa dovut mill-intimata.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' tlett elef erba' mija erbgha u hamsin euro u tlieta u sittin centezmi ta' euro [€3454.63c] bl-imghaxijiet legali jibdew jiddekorru fuq dan l-ammont b'effett mit-3 ta' Jannar, 2012, sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-ittri ufficjali msemmija fit-Talba odjerna, huma a kariku tal-intimata.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------